*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 17,471, 12 ta' Settembru, 2003*
*Taqsima B*

**A.L. 245 ta' l-2003**

## ATT DWAR IL-KONTROLL TAT-TIPJIP TAT-TABAKK (KAP. 315)

### Regolamenti ta' l-2003 dwar il-Prodotti tat-Tabakk (Kompożizzjoni ta' Sigaretti)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 9 ta' l-Att dwar il-Kontroll tat-Tipjip tat-Tabakk, il-Ministru tas-Saħħa għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:–

**1.** (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti ta' l-2003 dwar Prodotti tat-Tabakk (Kompożizzjoni ta' Sigaretti).

Titolu u bidu fis-seħħ.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jibdew iseħħu fil-5 ta' April, 2004.

**2.** F'dawn ir-regolamenti –

Tifsir.

"nikotina" tfisser l-alkalojdi nikotiniċi;

"qatran" tfisser il-kondensat ta' duħħan nej anidriku u ħieles minn kull nikotina.

**3.** Il-*yields* ta' sigaretti li jinbiegħu f'Malta ma għandux ikun ta' iżjed minn 10 milligrammi ta' qatran għal kull sigarett, 1 milligramma ta' nikotina għal kull sigarett u 10 milligrammi ta' monossidu tal-karbonju għal kull sigarett.

*Yields* massimi.

**4.** Il-*yield* tas-sigaretti għandu jitkejjel skond ISO *standards* 4387 għall-qatran, 10315 għan-nikotina u 8454 għall-monossidu tal-karbonju.

Kif jitkejjlu l-*yields*.

**5.** (1) It-testijiet u l-verifiki ta' *yields* imsemmija fir-regolamenti 3 u 4 ta' dawn ir-regolamenti għandhom isiru minn jew f'laboratorji li jkollhom liċenza.

Verifika ta' *yields*.

(2) Il-verifika ta' l-indikazzjoni ta' qatran u nikotina murija fuq il-pakketti tas-sigaretti għandha tkun skond ISO *Standard* 8243.